23 ta' Settembru, 1946

Imħallef:

Il-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Il-Pulizija *versus* John Xerri (*)

**Libell — Provi — Xhieda — Verità tal-Konviċju — Differiment tal-Kawża — Appell — Art. 436 tal-Kodiċi Kriminali.**

*F'kawża ta' libell fejn l-imputat jagħti l-eċċezzjoni tal-verità tal-konviċju, huwa ekwu, meta l-kawża tkun ta' ċerta entità u ma tkunx ta' ċerta urġenza, li l-imputat ikollu ċertu żmien raġjonevoli bejn in-notifika taċ-ċitazzjoni u l-jum destinat għat-trattazzjoni tal-kawża; u dan biex l-imputat ikollu l-opportunità li jipproduċi l-provi li jixraq għad-difiża tiegħu; avvolja ċ-ċitazzjoni tkun ġiet notifikata lill-imputat fit-terminu.*

*Fil-każ preżenti ġara li fil-jum destinat għat-trattazzjoni tal-kawża l-imputat iddikjara "in limine litis" li ried jipprova l-verità tal-fatti, u, wara li xhed il-kwerelant, talab differiment tal-kawża biex iġib il-provi biex isostni dik l-eċċezzjoni. Il-Qorti tal-Maġistrati ċaħdet it-talba għad-differiment u qatgħet il-kawża. L-imputat appella. Il-Qorti ta' l-Appell irrevokat id-digriet li bih il-Maġistrat kien ċaħad it-talba għad-differiment, u tat lill-imputat l-opportunità li jġib il-provi in sostenju ta' dik l-eċċezzjoni; u dan mhux biss għar-rigward tax-xhieda li l-imputat sar jaf*

*bihom wara s-sentenza, imma anki għar-rigward ta' dawk li kien jaf bihom meta l-kawża kienet għadha quddiem il-Maġistrat.*

Il-Qorti — Rat l-imputazzjoni miġjuba kontra l-imsemmi John Xerri talli, bħala editur tal-ġurnal "Il-Ġannett", infama lill-Onorevoli Henry Jones billi imputalu fatti determinati li joffendu l-unur u r-riputazzjoni tiegħu u jesponuh għat-tmaqdir tal-publiku;

Rat is-sentenza tal-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta tal-20 ta' Lulju 1946, li biha l-imputat ġie misjub ħati u kundannat għall-multa ta' £6;

Rat ir-rikors li bih l-imputat appella, u talab ir-revoka tas-sentenza fuq imsemmija;

Trattat l-appell, ikkunsidrat;

Għandu jiġi preliminarment riżolut l-inċident tal-provi offerti mill-imputat;

Quddiem il-Maġistrat l-imputat iddikjara "in limine litis" illi huwa ried jipprova l-verità tal-fatti (fol. 11). Wara li xehed il-kwerelant, l-imputat talab differiment biex iġib il-provi in sostenju ta' l-"exceptio veritatis". Il-Maġistrat irrespinġa t-talba fuq il-motiv illi l-imputat seta' ġieb il-provi tiegħu f'dik is-seduta, peress li miċ-ċitazzjoni kienu jirriżultaw liema kienu l-artikoli pretiżi nġurjużi (fol. 11);

Ikkunsdrat fuq dan l-inċident;

In kwantu għal dawk ix-xhieda li l-imputat, fit-testimonjanza tiegħu fol. 20, ħalef li ma kienx jaf bihom ħlief wara li ġiet pronunzjata s-sentenza issa appellata, ma jistax ċertament ikun hemm kwistjoni; u għalhekk dawn għandhom jiġu ammessi;

Il-pont jirrigwarda dawk ix-xhieda li hu kien jaf bihom qabel ma ġiet trattata l-kawża quddiem il-Qorti ta' Isfel, u li ma ħarrekx għall-unika seduta li fiha ġiet diskussa l-kawża;

Din il-Qorti ta' l-Appell jidhrilha li l-imputat għandu l-jedd li jipproduċi anki dawk ix-xhieda, għaliex iċ-ċirkustanzi kienu tali li l-Maġistrat imissu ta d-differiment mitlub. Infatti :— —

(*) Ara sentenza fil-meritu—Appell Kriminali 16. 12. 46 (Publikata).

1. Għalkemm mill-provi deher illi l-imputat ġie notifikat biċ-ċitazzjoni fis-16 ta' Lulju 1946, fit-tieta ta' wara nofs in-nhar, b'mod li għat-trattazzjoni fid-19 tax-xahar kien hemm sewwa sew il-jumejn tax-xogħol qabel il-jum tat-trattazzjoni li jeħtieġ li jkun hemm skond l-artikolu 373, Kap. 12, b'dan kollu, peress li l-kawża kienet ta' ċerta entità u ma kienx hemm l-element ta' l-urġenza, u peress li f'kawżi simili spiss jeħtieġ illi l-imputat, meta jkun l-editur, kif inhu f'-każ, irid ifittex l-artikolista biex jiġbor minn għandu l-provi ta' dak li dan ta' l-aħħar ikun kiteb (kif l-imputat xehed li kien il-każ in ispeċje), hu ekwu li jitħalla ċertu ntervall itwal, għalbiex tingħata lid-difiża l-opportunità għall-produzzjoni tal-provi li jixraq;

2. F'kawżi simili meta l-imputat joffri li jipprova l-verità, hemm bżonn li din il-prova tiġi, qabel xejn, ammessa in prinċipju mill-Qorti qabel ma l-imputat jagħmilha, u l-Qorti għandha tara jekk jirrikorrix wieħed mill-każjiet imsemmijin fl-art. 16 tal-Kap. 117, u tara anki jekk il-fattijiet jirriferixxu għall-ħajja domestika ta' l-offiż; għaliex f'dan il-każ ma tammettihiex. Hekk, f'dan il-każ, ma hux lanqas sa issa ċar in bażi għal liema, mill-ħames każijet ta' l-art. 16 fuq imsemmi, il-Qorti ta' Isfel ammettiet il-prova. L-offiż hu deputat fil-Kunsill tal-Gvern, imma b'daqshekk ma hux għall-finijiet ta' l-inċiż (a), "uffiċjal jew impjegat publiku" (ara sentenza Appell Kriminali, sedenti l-Imħallef Dr. Luigi Camilleri, "Sir Gerald Strickland vs. Farmacista Portelli", 11 ta' Frar 1922, b'komment għall-art. 266 (allura 256) tal-Kodiċi Kriminali, li jikkontjeni l-istess lokuzzjoni ta' "uffiċjal jew impjegat publiku"). Probabilment il-Qorti ta' Isfel ammettiet il-prova tal-verità tal-konvIċju in bażi għall-inċiż (d), peress li hu evidenti li, bħala deputat, il-kwerelant jieħu parti attiva fil-politika, u l-fattijiet lilu attribwiti, u pretiżi ngurjużi, jirriferixxu għall-attività tiegħu politika. Imma fl-ewwel sedu-ta, min hu mputat ta' reat simili u jkun bi ħsiebu jirrikorri għall-"exceptio veritatis", hu b'xi mod ġustifikat li għall-mument jistenna sakemm jiġi ammess mill-Qorti li jagħmel din il-prova. Jista' jkun hemm anki lok għad-diskussjoni jekk il-fattijiet humiex relativi għall-ħajja domestika biss, u f'dan il-każ il-prova offerta tiġi respinta. Lanqas jista' jingħad illi

l-imputat *seta'* jkun jaf illi l-kwerelant kien ikun irid hu stess illi l-gudizzju jigi estiż għall-purgazzjoni morali tiegħu; għaliex f'dan il-każ ta' l-art. 16 Kap. 117, ma tinsabx ripetuta d-dispożizzjoni ta' l-inċiż (b) ta' l-art. 266 Kap. 12, li tagħti l-jedd lill-kwerelant li jitlob *formalment* illi fis-smiegħ talkawża jigi wkoll żgurat jekk hux veru jew falz il-fatt attribwit lilu. Għalhekk, kif ingħad, l-imputat, f'kawżi simili, mhux *bit-tort jistenna* li qabel xejn jigi ammess mill-Qorti li jagħmel din il-prova qabel ma jibdiha;

3. Hu prinċipju, f'kawżi ta' din ix-xorta, illi, fil-kliem ta' Odgers, *bażati fuq* il-gurisprudenza ingliża fil-materja, "the justification must be as broad as the charge, and must justify the precise charge" (page 191, 1911 edition). Issa hu raġjonevoli illi, qabel ma jagħmel il-prova tal-verità, l-imputat ikun jaf sewwa x'inhu preċiżament dak li hu ritenut ingurjuż. Il-kwerelant jista' jiddeżumi l-ingurja minn dak li dottrinalment jissejjaħ "innuendo", billi l-istess kwerelant jagħti lillkliem *inkriminati* "a second meaning different from that which would naturally bear" (idem, pages 188-189). L-imputat, fil-prova *tal-verità*, jista' jew jaċċetta l-"innuendo", u jgħid li l-kliem huma veri, meħudin tant fis-sens naturali kemm ukoll bl "*innuendo*", jew jinnega li hemm lok għall-"innuendo", u jiggustifika l-addebitu fis-sens naturali talkliem inkriminati. Dan juri ċar illi imputat ta' reat simili hu gustifikat li, qabel ma jibda l-provi ta' l-"exceptio veritatis", jisma' lill-kwerelant. Il-prova tal-verità f'*libell* hi perikoluża, *in kwantu* li, jekk ma tirnexxix, tesponi lil min ikun ittantaha għall-possibilità illi l-Qorti, fl-eżerċizzju tad-diskrezzjoni tagħha *fil-latitudini* tal-piena kontemplata fl-art. 15, Kap. 117, avvolja ma hemmx f'dan il-każ dispożizzjoni simili għal dik ta' l-art. 266 (4) Kap. 12, tagħti lill-imputat piena akbar minn dik li kienet tagħtih kieku l-prova ma gietx tentata. Għalhekk, min javventura ruħu li jagħmilha, għandu d-dritt li jkollu l-opportunità sħiħa li jipprepara tajjeb il-provi li jiddisponi minnhom. L-aqwa konferma ta' dan ir-riliev hi provduta *mill-istess sentenza appellata*. *Infatti* fiha hemm riferenza għal dak li xehed il-kwerelant, u ntant l-imputat, imgħobbi *bil-prova tal-verità* tal-konviċju, kien qiegħed jisma' lill-

kwerelant dik il-ghodwa stess li fiha kien mistenni li jikkompleta l-prova tiegħu;

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċidi billi, b'revoka, in kwantu hemm bżonn, tal-provvediment tal-Qorti ta' Isfel tad-19 ta' Lulju 1946, fol. 11, tippermetti l-produzzjoni ta' dawn il-provi in sostenju ta' l-eċċezzjoni f'din is-sedi ta' l-appell, u billi tirritjeni, kif qiegħda tirritjeni, kwantu għall-provi li l-imputat kien jaf bihom fil-jum tat-trattazzjoni (art. 436 (b) Kap. 12), li dawn ġew miċħudin bla ma kien imisshom mill-Qorti ta' Isfel, u kwantu għall-provi li l-imputat sar jaf bihom wara s-sentenza, tammettihom in bażi għall-istess art. 436 fl-inċiż (a) tiegħu;

U tordna li dawn il-provi hekk ammessi jsiru fis-seduta li ġejja. Il-kawża tibqa' differita għas-7 ta' Ottubru 1946.